MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 1036/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Flower Power Limited (C-9400)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elf, sitt mija, hamsa u tletin ewro u sebgha u sebghin centezmu (€1,635.77) liema somma tirrapprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici in rigward ghal servizzi rezi mis-socjeta’ attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 11969 u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' Flower Power Limited fejn eccepiet illi t-talbiet kif dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta' konvenuta m'hijiex debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont hawn reklamat minnha. Dan stante li hi qatt ma awtorizzat lil hadd sabiex jiffirma l-kuntratt bin-numru 11969 ghan-nom taghha mas-socjeta' attrici. Ghandu jirrizulta minn qari ta' dan il-kuntratt, bin-numru 11969, li kien Jason Sammut li ffirma ghan-nom ta' l-istess socjeta' konvenuta meta dan l-istess Jason Sammut qatt ma kien awtorizzat jaghmel dan. Huwa qatt ma kien awtorizzat la verbalment mid-diretturi tas-socjeta' konvenuta, la bil-miktub u lanqas bl-istatut tal-istess kumpanija konvenuta. Ghalhekk, jekk il-kumpanija attrici ghandha xi pretensjonijiet xi tressaq hija ghandha tressaqhom kontra l-istess Jason Sammut u mhux kontrija u konsegwentement hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

B'riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' u ra x-xhieda ta' Simone Ellul u Nicholas Sammut.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi jirrizulta li din hija kawza ghal hlas ta' servizzi ta' *mobile phone* offruti mis-socjeta' attrici.

Illi skont Simone Ellul rappresentanta tas-socjeta' attrici kkonfermat illi l-ammont tat-talba sal-lum ghadu dovut u spjegat illi l-kont huwa wiehed *on contract* mas-socjeta' attrici tul diversi snin. Illi n-numru 7947 3001 gie allokat lis-socjeta' konvenuta u gie allegat li kien iffirma ghalih

George Sammut li huwa direttur tas-socjeta' konvenuta. Hija kkonfermat li din il-firma kienet ta' George Sammut ghaliex kienet ikkomparat il-firma li kien hemm fuq il-*memorandum and articles of association* tas-socjeta' konvenuta fejn kien hemm il-firma ta' George Sammut. Illi l-ftehim iffirmat ma kellux konferma bil-miktub ta' min effettivament kienet il-firma.

Ra l-affidavit ta' Nicholas Sammut, direttur tas-socjeta' konvenuta, li spjega li huwa ilu direttur tas-socjeta' konvenuta ghall-iktar minn ghoxrin sena. Huwa kkonferma li Flower Power Limited (C9400) qatt ma dahlet fl-ebda kuntratt mas-socjeta' attrici u qatt ma rceviet kontijiet tat-telefown mis-socjeta' attrici. Huwa spjega kif Jason Sammut imexxi s-socjeta' Flower Power Sales Limited (C1390) li hija socjeta' distinta u separata mis-socjeta' konvenuta u li lanqas ma hija sussidjarja tas-socjeta konvenuta.

It-Tribunal ra s-*subscription order form,* a fol 16, ezebita mis-socjeta' attrici li tirraprezenta l-kuntratt mas-socjeta' attrici. Illi mad-daqqa' t'ghajn jirrizulta li l-ftehim sar ma' Flower Power Limited fl-isem ta' Jason Sammut fil-25 ta' Jannar, 2001. Illi t-Tribunal ra li l-firmatarju ta' min qieghed jaccetta l-kundizzjonijiet tal-ftehim hija firma minghjar ebda konferma ta'min hi din il-firma izda l-isem ta' min kien ha jiffirma ghan-noma tal-kumpanija kien Jason Sammut. Illi t-Tribunal ma jaghrafx ta' min hi din il-firma izda skont ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici dik kienet il-firma ta' George Sammut, direttur tas-socjeta' konvenuta. Illi jirrizulta li effettivament is-*subscriber contract*, ezebit a fol 18, qatt ma gie ffirmat minn ebda naha u s-socjeta' attrici mxiet mat-taghrif li kellha fuq is-*subcription order form*. Illi tul is-snin jirrizulta li s-socjeta' attrici dejjem thallset hlief mis-sena 2007. Illi gie ezebit *Form K* tal-MFSA liema formola tindika isem ta' kumpanija Flower Power Sales Limited (C13901) hija kumpanija terza li ghandha personalita' guridika distinta u separata minn dik tas-socjeta' konvenuta. It-Tribunal jirelleva li din is-socjeta' hija socjeta' differenti mis-socjeta' konvenuta u ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma li din il-prova ma tapplikax ghal dan il-kaz partikolari ghaliex il-kawza hija

kontra s-socjeta’ konvenuta u mhux kontra Flower Power Sales Limited bin-numru ta’ registrazzjoni C-13901.

It-Tribunal huwa tal-fehma li meta r-rapprezentant qalet li hija kienet qed taghraf il-firma ta’ George Sammut hija kienet qieghda tirreferi ghal-firma li kienet rat fl-istatut tas-socjeta’ konvenuta. Qalet ukoll illi Jason Sammut ma kien iffirma l-ebda kuntratt ghalkemm jidher illi kien ha jkun l-utenti tieghu. Intqal ukoll li s-servizz kien ilu ghaddej mill-2001 u l-kont dejjem thallas.

Wara li sema’ w evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, t-Tribunal huwa sodisfatt li s-socjeta’ attrici citat in gudizzju s-socjeta’ zbaljata. Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi meta s-socjeta’ attrci ffirmat is-*subscription form* hija nizlet l-isem tas-socjeta’ hazina. Illi l-isem tas-socjeta’ mnizzla fuq il-‘ftehim’ ma kellhiex tkun Flower Power Limited li d’altronde lanqas ma kellha numru ta’ registrazzjoni msemmija. Illi mid-dokument MCL1, a fol 16, it-Tribunal ra certi nuqqasijiet da parti tas-socjeta’ attrici. Ra li l-formola ma gietx kompletata sewwa tant illi lanqas ma tnizzel in-numru tar-registrazzjoni tal-kumpanija, liema numru kienet telimina kwalunkwe’ ekwivoku li seta’ jinqala’ jekk kemm-il darba kien hemm xi kelma nieqsa. Illi fejn hemm il-firmatarji hemm biss firem minghajr l-ebda spjegazzjoni ta’ min iffirma din il-formola. Illi l-inkompletezza ta’ dan il-ftehim jitfa’ dell fuq is-socjeta’ attrici li ghandha turi aktar attenzjoni u reqqa meta tidhol fi ftehim mal-klijenti taghha.

Lit-Tribunal huwa car u manifest illi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz is-socjeta’ attrici kellha ticcita in gudizzju socjeta’ terza u mhux lis-socjeta’ f’din il-kawza.

Ghaldaqstant t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi illi minhabba nuqqas ta’ provi fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta qieghed jichad it-talba attrici filwaqt illi jillibera lis-socjeta’ konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

Spejjez tal-kawza sopportati mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------